



TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0198

Simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Omnibus Diġitali dwar l-IA)

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Ġunju 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2024/1689 u (UE) 2018/1139 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Omnibus Diġitali dwar l-IA) (COM(2025)0836 - C10-0304/2025 - 2025/0359(COD))
(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0836),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0304/2025),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' April 2026¹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Marzu 2026²,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Mejju

¹ ĠU C, C/2026/2285, 15.4.2026, ELI:
<http://data.europa.eu/eli/C/2026/2285/oj>.

² L-opinjoni tat-18 ta' Marzu 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

2026³,

- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitati responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-13 ta' Mejju 2026, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern skont l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0073/2026),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt⁴;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ L-opinjoni tas-7 ta' Mejju 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁴ Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-26 ta' Marzu 2026 (Testi adottati, P10_TA(2026)0098).

P10_TC1-COD(2025)0359

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-16 ta' Ġunju 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2024/1689, (UE) 2018/1139 u (UE) 2023/1230 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Omnibus Diġitali dwar l-IA)

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2026/1744)